**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA**

**Illum l-Erbgħa 27 ta' Jannar 2021**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 4/2019**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Etienne Bartolo**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża bin-numru 4 ta'l-2019 kontra Etienne Bartolo detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 350780(M) akkużat talli fid-29 ta' Marzu 2017 ghal ħabta tas-siegħa u kwart ta' fil-għodu (01:15) gewwa Birkirkara:

1. **Fl-ewwel kap**, dolożament bil-ħsieb li joqtol jew li jpoġġi l-ħajja ta' Roderick Grech f'periklu ċar, ikkaġuna l-mewt tal-istess Roderick Grech.
2. **Fit-tieni kap**, ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.
3. **Fit-tielet kap**, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku

**2.** Rat il-verdett tal-ġurati tal-14 ta' Marzu, 2020, fejn il-ġurati ddikjaraw illi:

**L-EWWEL KAP:**
**Il-ġurati b' 7 voti favur u b' 2 voti kontra sabu lil Etienne Bartolo ħati tal-Ewwel Kap tal-att tal-akkuża b' dana pero' li r-reat hu skużabbli għaliex, għalkemm hu aġixxa minnħabba l-bżonn attwali tad-difiża leġittima tiegħu innifsu jew ta' ħaddiehor, ħareġ barra mill-limiti imposti mill-liġi, jew mill-awtorita' jew mill-bżonn.**

**IT-TIENI KAP:**
**Il-ġurati unanimament, sabu lil Etienne Bartolo ħati tal-akkuża skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.**

**IT-TIELET KAP:**
**Il-ġurati unanimament, sabu lil Etienne Bartolo ħati tal-akkuża skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.**

**3.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-14 ta' Marzu 2020 li permezz tagħha ddikjarat lill-Etienne Bartolo hati talli:

1. Dolożament, bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Roderick Grech f'periklu ċar, ikkaġuna l-mewt tal-istess Roderick Grech b' dana pero' li r-reat hu skuzabbli għaliex, għalkemm hu aġixxa minnħabba l-bżonn attwali tad-difiża leġittima tiegħu innifsu jew ta' ħaddiehor, ħareg barra mill-limiti imposti mill-liġi, jew mill-awtorita' jew mill-bżonn.
2. Ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

3. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

U wara li rat l-artikoli tal-liġi, senjatament 7(2)(a), 12(1), 17, 30, 31, 211(1), 211(2), 223, 227(d), 228(3), 338(dd) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll 6, 24 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannat lill-Etienne Bartolo għall-perijodu ta' priġunerija għall-perijodu ta' ħames snin, minn liema terminu għandu jitnaqqas iż-żmien li għamel taħt arrest preventiv, flimkien ma' multa fil-massimu pprovdut fil-liġi ta' mija u sittax il-ewro u sebgħa u erbgħin ċentezmu (€116.47).

Ordnat wkoll lill-ħati iħallas is-somma ta' €19,885.16 rappreżentanti l-ispejjeż inkorsi mal-ħatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fi żmien sentejn. Ordnat wkoll illi jekk l-ispejjeż ma jitħallsux immedjatament, dawn jiġu kkonvertiti f'terminu ta' priġunerija ai termini tal-liġi.

Il-Qorti ordnat wkoll li ma għandha tinħareġ ebda liċenzja taħt l-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-ħati għall-perijodu ta' ħames snin m'illum.

Ordnat wkoll id-distruzzjoni tal-oġġetti konnessi mar-reat senjatament id-droga kollha esebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha li għandhom jiġu distrutti a kura tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur tal-Qorti Kriminali li għandu jagħmel verbal ta' tali distruzzjoni u jinġiebu a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appożita b'kopja li għandha tiġi nnotifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati.

**4.** Rat ir-rikors ta'l-appell mressaq mill-akkużat Etienne Bartolo ppreżentat fit-08 ta' Ġunju 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza in kwantu f'dik il-parti fejn instab ħati tat-tlett kapi t'akkuża hekk kif dedotti, madanakollu tirrevokaha, tvarjaha u tibdilha in kwantu jikkonċerna l-aggravju sucitat billi l-appellant ma jħallasx is-somma ta' EUR 19,885.16c fit-total tagħhom u fl-eventwalita' biss illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha illi għandha tiskarta l-ewwel aggravju, tvarja l-multa inflitta għal waħda aktar ġusta u miti illi tirrispekkja l-fatti tal-każ odjern.

**5.** Rat ir-risposta ta'l-Avukat Ġenerali tad-9 ta' Lulju 2020 fejn issottometta li s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Marzu 2020 timmerita li tiġi konfermata u l-appell ta'l-appellant Etienne Bartolo miċħud.

**6.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni u dan sabiex jiġi mistħarreġ l-aggravju imqanqal mill-appellant Etienne Bartolo.

**7.** Semgħet trattazzjoni

**Ikkunsidrat:**

**8**. Illi l-appellant Etienne Bartolo ħassu aggravat bis-sentenza ta'l-Ewwel Qorti unikament fejn huwa ġie kkundannat fit-termini ta'l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali għal ħlas ta'l-ispejjeż peritali lir-Reġistratur tal-Qorti fl-ammont ta' €19,885.15c. Jibbaża din il-lanjanza minnu ventilata fuq tlett premessi u cioe':

1. illi l-Ewwel Qorti meta ġiet għal kundanna tal-ħlas tal-ispejjeż marbuta man-nomina ta'l-esperti trattat mal-appellant daqslikieku huwa ġie misjub ħati tar-reat tal-omiċidju volontarju mingħajr skużanti.
2. Illi l-Ewwel Qorti ordnat il-ħlas *in toto* u dan anke meta irriżulta illi l-ħatriet ta' ċertu esperti jew parti mill-inkarigu tagħhom, ma wassal għal ebda eżitu pożittiv, liema sitwazzjoni wasslet għal żieda fl-ispejjeż mingħajr bżonn.
3. Illi l-Ewwel Qorti fil-parti deċiżorja tas-sentenza appellata ipprefeġġiet terminu ta' sentejn għal ħlas ta' dawn l-ispejjeż, u immedjatament wara ordnat il-ħlas minnufih, biex b'hekk hemm inċertezza dwar id-deċiżjoni tal-qorti fir-rigward.

**9**. B'mod partikolari, l-appellant joġġezzjona ghal hlas tal-ispejjeż konnessi mal-hatra tas-segwenti esperti:

1. Anthony Spiteri fl-ammont ta' €2311.56c.
2. Joseph Mallia fl-ammont ta' €488.79

3. Profs. Marie Therese Camilleri u Dr. Ali Safraz fl-ammont ta' €485.99
4. Il-Perit Valerio Schembri fl-ammont ta' €604.02c.
5. Dr. Marisa Cassar fl-ammont ta' €10258.92c.

**10**. Dan għaliex jisħaq illi dak minnhom konkluż fir-rapporti rispettivi tagħhom ma kienx jinċidi fuq il-fatti tal-każ. Fuq kollox jisħaq illi kienu l-ġurati stess li fil-verdett minnhom milħuq skuzawh għal omiċidju minnu kommess u dan meta wasslu għad-deċiżjoni illi huwa qatel lil vittma Roderick Grech sabiex jiddefendi lilu nnifsu, għalkemm ħareġ 'il barra mill-limitu impost fil-liġi. Il-kundanna għal ħlas ta' dawn l-ispejjeż f'ammont eżorbitanti ser iwassal sabiex it-terminu tal-priġunerija fuqu impost ser jitwal u dan għaliex matul id-detenzjoni tiegħu ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin mhuwiex ser ikollu l-mezzi finanzjarji sabiex jagħmel tajjeb għall-ħlas ta'l-istess u għalhekk dawn ser jiġu konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

**11**. Illi l-Avukat Ġenerali minn naħa tiegħu jilqa' għal dan l-aggravju meta jisħaq illi l-artikolu 553 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha tassativa fuq il-Qorti li tordna il-kundanna għall-ħlas tal-ispejjeż peritali u kwindi ma hijiex fid-diskrezzjoni tagħha tiddeċiedi xort'oħra.

**12**. Illi għalkemm huwa minnu dak li jikkontendi l-Avukat Ġenerali fir-risposta tiegħu, madanakollu l-leġislatur ħalla marġini ta' diskrezzjoni f'idejn il-Qorti illi tiddeċiedi jekk l-ispejjeż inkorsi għandhomx jitħallsu fl-intier tagħhom jew inkella f'parti minnhom biss u dan meta hemm hekk dispost;

> **"Meta l-kawża ssir mill-Pulizija *ex officio*, il-qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin, ilkoll flimkien *in solidum* jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta'parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni."**

**13.** Illi allura għalkemm illum il-ġurnata wara l-emendi introdotti għal din id-dispożizzjoni tal-liġi permezz ta'l-Att XII tal-2005, l-kundanna għal ħlas ta' dawn l-ispejjeż ma għadhiex tiddependi minn talba magħmula għaldaqstant mill-prosekuzzjoni, b'dan għalhekk illi l-Qorti dejjem għandha tipproċedi għal tali kundanna, madanakollu meta l-ħatra tal-espert ma tkun ta' ebda utilita' għal dik il-proċedura, jew meta l-konklużjonijiet tiegħu jkunu fin-negattiv, il-ħati ma għandux ikun ikkundannat għall-ispejjeż inkorsi f'dik il-ħatra.

> **"Illi din il-miżura tal-kundanna fit-totalita' jew f'parti, tiddependi mid-diskrezzjoni ta' l-Imħallef li jkun ippresjeda l-ġudizzju fil-meritu; imma ċertament, fl-eżerċizzju ta' dina d-diskrezzjoni, il-Qorti għandha tkun gwidata minn ċerti kriterji, bħalma huma:-**
> **(a) ix-xorta u ċ-ċirkustanzi kollha tad-delitt;**
> **(b) jekk l-ispejjeż tal-perizja jkunux ta' xorta tali li kienu dejjem isiru, anki apparti l-proċess kontra l-akkużat, jew jekk jikkonnettux ruħhom anki mar-responsabiltà ta' l-akkużat partikulari u ta' x'hix għandu jirrispondi;**
> **(c) jekk il-prova peritali kienetx assolutament neċessarja, jew setgħetx ma ssirx, jew issir aktar ekonomikament, kwante volte kien hemm xi estensjoni mhux tant ġustifikata ta' l-inkariku[1]"**

Illi dan il-pronunzjament ġudizzjarju magħmul addirittura 'il fuq minn sebgħin sena ilu għadu jiswa sal-ġurnata ta' llum, bil-kriterji hemmhekk imfassla joffru linja gwida lil Qorti llum dwar il-mod kif dik id-diskrezzjoni marġinali għandha tiġi eżerċitata.

**14.** Illi ġie ġudizzjarjament deċiż permezz tal-verdett u s-sentenza ta'l-Ewwel Qorti illi għalkemm l-appellant huwa ħati tal-qtil taż-żagħżugħ Roderick Grech, dan il-qtil madanakollu kien wieħed skużabbli fil-liġi u dan bl-eżerċizzju tal-eċċess tal-leġittima difiża minn naħa tal-appellant. L-appellant jikkontendi illi tul il-proċess ġudizzjarju kollu stitwit fil-konfront tiegħu, huwa qatt ma ċaħad illi kien hu li qatel lil Grech. Dan stqarru mill-bidunett. Dak li kien dibattut u li dwaru ma kienx hemm qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża kien jekk ir-reat kienx wieħed fejn kellu japplika l-iskriminati

---

[1] IL-MAESTA' TIEGHU R-RE vs VINCENT CACCIOTTOLO 06/04/1948OF CRIMINAL APPEAL (INFERIOR) Volume 33F (1948), Part No. 4, Section , Page 553

tal-leġittima difiża, li ġġib magħha l-impunita', u fin-nuqqas, ta' l-iskużanti tal-eċċess ta' l-istess, bil-ġurati jilqgħu din l-aħħar difiża fil-verdett tagħhom.

**15**. Illi għal dan il-għan il-Qorti eżaminat l-atti kumpilatorji minn fejn jemerġi illi l-esperti kollha li ħaddmu fuq dan il-każ, għajr għall-espert Dr. Martin Bajada u l-Perit Valerio Schembri, kienu ġew maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti fl-*in genere* u dan lura fid-29 ta' Marzu 2017 meta skattaw ukoll l-investigazzjonijiet tal-pulizija. F'dan il-jum kien ġie rappurtat il-feriment ta' ċertu Roderick Grech illi sussegwentement tilef ħajtu ġewwa l-isptar Mater Dei kaġun ta' din il-ferita gravi li sofra. Dan fil-fatt ġie stabbilit kemm mill-espert mediko legali Dr. Mario Scerri, kif ukoll mill-patoloġisti Profs. Marie Therese Camilleri u Dr. Ali Safraz. Apparti dawn l-esperti l-Inkwirenti kienet ħatret diversi esperti oħra u ċioe' il-Perit Arkitett Richard Aquilina sabiex iħejji pjanta tax-xena tad-delitt, lis-seroloġista Dr. Marisa Cassar rigward eżamijiet ta' DNA minn fuq kampjuni elevati minn fuq ix-xena, xi ħwejjeġ u ukoll minn fuq il-persuna ta'l-akkużat, l-uffiċjali tax-xena tar-reat li ħadu ħsieb il-fotografija, elevazzjoni ta' marki tas-swaba u anke in konnessjoni ma' filmati CCTV li ġibdu x-xena, l-ispiżjar Godwin Sammut, u lill-espert tal-informatika Anthony Spiteri sabiex jeżamina xi apparat ċellulari. Illi imbagħad fil-kors tal-kumpilazzjoni ġie maħtur il-Perit Arkitett Valerio Schembri u dan in konnessjoni mat-talba magħmula mill-akkużat għal ħelsien mill-arrest, l-espert Dr. Martin Bajada sabiex ikompli fl-inkarigu ta' Anthony Spiteri, u finalment l-espert tal-impronti diġitali Joseph Mallia.

**16**. Illi minn dawn l-investigazzjonijiet irriżulta li seta' kien involut fil-feriment ta' Grech, l-appellant li għalhekk ġie arrestat u interrogat u fl-istqarrijiet rilaxxati minnu lil pulizija jammetti minnufih illi huwa kien iltaqa' ma' Grech f'dik il-lejla sabiex jakkwista d-droga minn għandu iżda dan Grech ma riedx jissupplixieh bid-droga għax Bartolo ma kellux flus u minn hawn qam argument bejniethom fejn Grech għolla idejh fuq l-appellant u dan b'reazzjoni fajjarlu daqqa ta' mus. Illi fil-fatt jirrizulta anke mill-arringa

finali tad-difiża illi ma kienx qed jiġi kkontestat illi l-att materjali ġie eżegwit mill-appellant.

**17.** Illi allura stabbiliti dawn ir-riżultanzi proċesswali, l-Qorti issa trid tara, skont it-test imfassal fid-deċiżjoni ta' *Cacciattolo* hawn fuq iċċitata, jekk dawn l-ispejjez humiex tax-xorta tali illi dejjem għandhom isiru u jekk hemmx dak l-irbit bejnhom u r-responsabbiltà tal-akkużat għar-reat lilu addebitat. Finalment il-Qorti trid tistħarreġ jekk dawn l-ispejjeż kienux assolutament neċessarji sabiex isir l-istħarriġ ġudizzjarju li wassal għal verdett finali.

**18**. Illi jibda biex jingħad illi l-maġġior parti tal-esperti ġew maħtura fil-kors tal-inkjesta maġisterjali dwar l-*in genere* meta allura l-awtur tar-reat kien għadu injot. F'dan l-istadju tal-proċess investigattiv kien jinħtieġ illi dawn l-esperti jassistu lil Inkwirenti u lil pulizija fil-kors tal-istħarriġ minnhom kondott. Illi imbagħad meta l-pulizija wasslu għal persuna tal-appellant, li ġie arrestat u nterrogat, dan minnufih stqarr li kien hu li kien xejjer id-daqqa tal-mus fuq il-persuna tal-vittma. Minn hawn 'il quddiem madanakollu, u anke wara li l-appellant ġie mixli fil-qorti bid-delitt tal-omiċidju, ma jidhirx illi l-akkużat eżenta lill-Prosekuzzjoni milli tipproduċi lil dawn l-esperti bħala xhieda u milli jiġu esibiti in atti r-rapporti tagħhom. Dan magħdud, madanakollu l-Qorti ma tistax ma tosservax illi hemm rapporti ta' esperti li ftit li xejn kellhom utilità ai fini ta' dan il-proċess ġudizzjarju. Ibda biex l-espert Anthony Spiteri ma xeħet ebda dawl fuq dan il-każ u r-rapport tiegħu huwa eżerċizzju inutli f'eżami ta' apparat ċellulari li ġie elevat fil-kors tal-investigazzjoni, sabiex il-Qorti Istruttorja fil-fatt innominat espert ieħor u ċioe' lil Dr. Martin Bajada li reġa' kellu l-inkarigu li jeżamina dan l-apparat. Illi imbagħad r-rapporti ta'l-espert seroloġista Marisa Cassar u dak tal-impronti diġitali Joseph Mallia taw riżultat fin-negattiv u allura ma servew ta' ebda utilita' għal proċess ġudizzjarju.

**19**. Illi apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti trid tqies ukoll sa fejn wasslet ir-responsabbiltà penali tal-appellant u ta' xhix ġie misjub ħati. Illi għalkemm huwa minnu illi Bartolo ġie misjub ħati tar-reat ta'l-omiċidju, madanakollu ma jistax jiġi injorat il-fatt illi id-difiża tiegħu ġiet akkolta mill-ġurija popolari. L-appellant ma kkontestatx il-fatt illi kien hu li kkometta l-att materjal li wassal għad-deċess ta' Roderick Grech, madanakollu invoka favur tiegħu l-iskriminanti tal-leġittima difiża, li l-ġurati laqgħu iżda fl-estrem tagħha, biex b'hekk instabet ħtija għar-reat bl-iskużanti tal-eċċess tal-leġittima difiża, kif diġà ingħad. Illi allura hija il-fehma tal-Qorti, illi meta jsir il-ġudizzju dwar il-kundanna għal ħlas tal-ispejjeż peritali fit-termini ta'l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u bid-diskrezzjoni limitata mogħtija lilha mill-leġislatur, dan għandu jirrifletti il-ġudizzju dwar is-sejbien ta' ħtija tal-persuna akkużata u r-responsabbiltà' penali tagħha f'għajnejn is-soċjetà'. M'għandux il-ħati jħallas għal dak li ma huwiex responsabbli għalih.

**20.** Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet u applikati għal każ in diżamina għandu jirrizulta illi l-ħatra ta' ċertu esperti hija waħda neċessarja sabiex jiġi mibni il-qafas tal-proċess ġudizzjarju. Huwa neċessarju, fl-ewwel lok, illi jiġu maħtura l-esperti tax-xena tar-reat sabiex jippreservaw kull indizju marbut mal-kummissjoni tad-delitt bl-inkarigu li jiġu elevati u ffotgrafati dawn it-traċċi materjali, hemm il-ħtieġa li jiġi maħtur perit arkitett sabiex ifassal pjanta tad-dehra ta' din ix-xena u ta' kwalunkwe xena ohra relatata u ta' interess għall-investigazzjoni. Imbagħad billi dan kien każ ta' feriment gravi ta' persuna li sussegwentement tilfet ħajjitha, kienet neċessarja il-ħatra ta'l-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri u tal-patoloġisti sabiex jiġi stabbilit in-ness bejn il-kawża tal-mewt u l-azzjonijiet kommessi mill-awtur tar-reat. L-esperti l-oħra, imbagħad, li ġew maħtura f'dan l-istħarriġ ġudizzjarju, setgħu kienu utli sabiex jiġi stabbilit min hu l-malvivent sabiex b'hekk ir-rapporti tagħhom setgħu kienu utli u setgħu ma kienux. Illi fil-fatt, kif ingħad, billi l-appellant ma nnegax li kien hu li kkometta l-att materjali tal-qtil, ma kenitx meħtieġa l-analiżi li saret mill-esperti Dr. Marisa Cassar rigward kampjuni ta' DNA u dik magħmula mill-espert Joseph Mallia in konnessjoni mal-

impronti diġitali bil-għan li jiġi determinat jekk l-appellant kienx fuq ix-xena tar-reat, billi dan ma nnegax li hemm kien. Mhux biss iżda r-riżultanzi ta' dawn l-esperti kienu fin-negattiv u allura ma kienux ta' utilita' għad-determinazzjoni tal-ħtija u tar-responsabbilta' penali tal-appellant.

**21.** Il-Qorti, madanakollu ma tistax taqbel mal-appellant illi huwa ma għandux iħallas għall-ispejjeż inkorsi in konnessjoni mar-rapport tal-Perit Valerio Schembri billi il-ħatra tiegħu kienet marbuta mat-talba ghall-ħelsien mill-arrest pendenti l-proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tiegħu. Illi għalkemm huwa dritt sagrosant illi persuna meqjusa innoċenti ma għandhiex tibqa' mcaħħda mill-libertà tagħha, madanakollu huwa obbligu fuq l-persuna akkużata li turi lil Qorti illi hija tista' tissodisfa l-garanziji meħtieġa fil-liġi taħt l-artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali sabiex tikseb dik il-libertà' pendenti l-proċeduri kriminali istitwiti kontra tagħha. Huwa għal dan il-għan li kien ġie maħtur il-Perit Valerio Schembri sabiex jiġi stabbilit jekk il-garanzija li kien qed joffri l-appellant kenitx waħda idonja.

**22**. Illi allura magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti hija tal-fehma illi l-appellant, fid-dawl tal-verdett milħuq mill-ġurija popolari, ma għandux ibati għall-ispejjeż inkorsi in konnessjoni mar-rapporti imħejjija mill-esperti Dr. Marisa Cassar, l-espert Joseph Mallia u l-espert tal-informatika Anthony Spiteri u dan fl-ammont totali ta' tlettax-il elf u disgħa u ħamsin ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,059.27)[2]. Għalhekk l-aggravju ta'l-appellant jistħoqqlu akkoljiment. Illi għalkemm huwa minnu illi minn qari tas-sentenza appellata, kif jikkontendi l-appellant, tidher kontradizzjoni fit-terminu mogħti għal ħlas ta' dawn l-ispejjeż peritali, billi l-Ewwel Qorti għalkemm ikkonċediet żmien ta' sentejn għal ħlas, imbagħad minnufih għaddiet biex tordna li dawn l-ispejjeż jitħallsu b'mod immedjat, madanakollu jidher illi dan kien *lapsus* u

[2] Joseph Mallia - €488.79 – fol. 404 sa 411 tal-kumpilazzjoni; Marisa Cassar - €10258.92 – fol.659 sa 676 tal-kumpilazzjoni, Anthony Spiteri – €2035.50 a fols. 285 sa 316 u rapport ieħor a fols. 628 sa 638 fl-ammont ta' €276.06

għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi biex tikkonferma it-terminu ta' sentejn konċess bħala żmien għal ħlas.

**23.** Illi finalment fir-rigward tal-*quantum* tal-multa inflitta, il-Qorti tqies illi dan l-ilment huwa frivolu billi l-artikolu 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta jfassal il-piena tal-multa ta' mija u sittax-il ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) mingħajr ma hemm stabbilit ebda minimu jew massimu, sabiex b'hekk din il-Qorti bl-ebda mod ma tista' tikkonċedi xi varjazzjoni għall-istess.

**24. Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost, tgħaddi għalhekk biex tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-appellant ġie dikjarat ħati tal-akkużi lilu addebitati fit-tlett kapi ta'l-Att ta'l-Akkuża, iżda tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż lir-Reġistratur tal-Qorti marbuta mal-ħatra ta'l-esperti fl-ammont ta' €19,885.16c, u minflok tikkundanna lil hati Etienne Bartolo iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti l-ammont ta' sitt elef tmien mija u ħamsa u għoxrin ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€6825.89), b'dan illi huwa għandu jħallas dan l-ammont fi żmien sentejn mil-lum u fin-nuqqas jiġu kkonvertiti f'piena karċerarja skont il-liġi. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**